MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1343/2003

**Adrian Debono**

**Vs**

**Adreano Micallef**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm202.25c) rapprezentanti hsarat subiti fil-vettura ta' l-attur bin-numru ta' registrazzjoni AAO 691, li graw waqt incident stradali li sehh fid-9 ta' Jannar, 2002 gewwa n-Naxxar ma' vettura IAJ 347, *Range Rover*, misjuqa mill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa li l-kollizjoni mertu ta' l-Avviz odjern ma saritx tort tieghu izda tort ta' l-istess attur.

Sema’ x-xhieda tal-partijiet u tas-Surgent 977 Joe Zammit u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra li fis-seduta tas-6 ta’ Mejju, 2004 il-konvenut iddikjara li mhuwiex qieghed jikkontesta l-*quantum* u li l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi l-attur kien qieghed isuq il-vettura AAO 691, kien tela’ mill-Iklin u qabad it-triq li taghti ghan-Naxxar. Meta wasal hdejn ir-*roundabout*, qabel ma taqbad Triq il-Parrocca, Naxxar, huwa waqaf u stenna sakemm kien possibbli ghalih biex jidhol ghal fuq ir-*roundabout*. Qabad ir-*roundabout* u l-attur ighid li huwa u miexi, giet vettura min-naha tax-xellug tieghu, cjoe’ dik misjuqa mill-konvenut, qabzitu min-naha tax-xellug u fil-mument ta’ surpass, bil-parti ta’ wara tal-vettura tal-konvenut, intlaqtghet il-parti ta’ quddiem tal-vettura tieghu u b’hekk sehhet il-kollizjoni. L-vettura misjuqa mill-konvenut baqghet sejra lejn Triq il-Parrocca u ma waqfitx u ghalhekk l-attur saq warajha u pprova jattira l-attenzjoni ta’ l-istess sewwieq. Is-sewwieq ma waqafx u ghalhekk l-attur mar dritt l-ghassa u ghamel ir-rapport.

Is-Surgent 977 Joe Zammit xehed illi huwa kien stazzjonat l-ghassa tan-Naxxar u rcieva r-rapport imsemmi mill-attur. Irnexxielu jintracca s-sewwieq tal-vettura in kwistjoni u gie jkellmu l-konvenut l-ghassa. S-Surgent esebixxa l-okkorrenza u fiha nizzel sunt ta’ dak li qalulu z-zewg sewwieqa dak il-hin li kellmuh:

*Car AAO 691 (L-attur)*

*“Kont ghaddej minn Triq il-Parrocca, Naxxar u vettura IAJ 347 ipprova jaqbizni min-naha tax-xellug u gibidni b’wara tal-vettura tieghu. Wara l-habta, vettura IAJ 347 ma waqafx u baqa’ sejjer.”*

*Car IAJ 347 (Il-konvenut)*

*“Kont ghaddej fi Triq il-Parrocca, Naxxar fuq in-naha tax-xellug tat-triq, cjoe’ n-naha tal-bankina u l-vettura AAO 691 dahal min-naha tal-lemin u rassni u f’dak il-hin laqatni fuq in-naha ta’ wara tal-vettura tieghi.”*

Xehed ukoll Adreano Micallef li qal li huwa kien gej min-naha ta’ San Gwann u meta wasal fejn ir-*roundabout* huwa waqaf. Il-vettura ta’ l-attur kienet gja hemm. Meta kien hemm spazju u seta’ johrog huwa hareg u zamm man-naha tal-bankina jigifieri man-naha tax-xellug tat-triq, u baqa’ sejjer fi Triq il-Parrocca sakemm imbaghad mar id-dar. Aktar tard cemplulu l-pulizija biex imur ikellimhom u minn hemm sar jaf li kien involut f’kollizjoni. Huwa ghall-bidu xehed li ma kellu l-ebda evidenza ta’ hsarat fil-vettura tieghu izda mbaghad spicca biex accetta li kien hemm sinjal ta’ daqqa fuq ix-xewka tal-*bumper* ta’ wara min-naha tal-lemin tal-vettura tieghu.
Huwa cahad li d-diskors li qal lill-pulizija kien dak li tnizzel fl-okkorrenza u qal li mhux veru li qal li kien l-attur li rass lilu.

Illi huwa evidenti li hemm kunflitt bejn il-verzjonijiet moghtija mill-partijiet. F’dan il-kaz it-Tribunal kellu l-opportunita’ li jisma’ z-zewg *drivers* viva voce u jevalwa l-verzjonijiet taghhom. L-uniku xhud indipendenti huwa s-Surgent tal-Pulizija li, ghalkemm ma ftakarx l-incident innifsu, kkonferma l-kontenut ta’ l-okkorrenza.

It-Tribunal jidhirlu li ghandu jaghti affermazzjoni qawwija ghal dak li z-zewg partijiet qalu lis-Surgent dak il-hin ta’ l-incident u minn hemm johrog car li x-xhieda li l-konvenut ta quddiem it-Tribunal ma jikkombacjax ma’ dak li huwa qal lis-Surgent.

Illi inoltre, t-Tribunal huwa aktar propens li jemmen ix-xhieda moghtija mill-attur li jghid illi apparti l-mod kif sehh l-incident, wara l-incident huwa ghamel l-almu tieghu biex jattira l-attenzjoni tal-konvenut izda l-konvenut baqa’ sejjer u kien proprju l-attur li mar biex jirraporta l-incident. Kieku l-attur kellu xi tort fl-incident, x’kien l-iskop li huwa jmur jaghmel rapport dak il-hin fis-sahna tal-mument?

Mill-provi prodotti ghalhekk jirrizulta li qabel ma sehh l-incident, iz-zewg vetturi kienu wieqfin magenb xulxin qabel ma qabdu r-*roundabout* li minnha mbaghad wiehed jista' jmur jew lejn it-Trade Fair jew tidhol ghan-Naxxar biex tigi ghal wara l-knisja tan-Naxxar.

Jirrizulta wkoll li effettivament kienu z-zewg vetturi li saqu u li l-vettura misjuqa mill-konvenut li kienet fuq in-naha tax-xellug tal-vettura ta' l-attur, b'xi mod jew iehor kisret quddiem il-vettura ta' l-attur li b'rizultat ta' dan, il-*bumper* ta' wara tal-vettura tal-konvenut laqtghet il-parti ta' quddiem tan-naha tax-xellug tal-vettura ta' l-attur. Ir-ritratt tal-hsara fuq il-vettura ta' l-attur tikkombacja perfettament ma' din il-konkluzjoni.

Fil-mument ta' sewqan madwar *roundabout* japplikaw ir-regoli generali tas-sewqan fit-toroq u tajjeb li jigi rilevat illi qabel mal-vetturi waslu biswit ir-*roundabout*, kienet proprju l-vettura ta' l-attur li waslet l-ewwel.

F'dan ir-rigward ghalhekk, il-konvenut kien obbligat li jcedi ghall-vettura ta' l-attur u mhux jipprova jissurpassa min-naha tax-xellug bhallikieku ma gara xejn. Il-konvenut kien qed isuq karozza pjuttost goffa *(range rover)* u fi spazju ristrett u f'mument waqt li qed idur madwar *roundabout*, certament manuvra ta' surpass min-naha tax-xellug ma kienetx konsiljata. Anzi kienet imprudenti. Inoltre, l-fatt li l-konvenut lanqas biss induna li sehhet il-kollizjoni u li wara l-incident l-attur ipprova jattira l-attenzjoni tieghu jimmilita hafna kontra tieghu billi juri li ma kienx attent bizzejjed waqt is-sewqan. Certament ma kienx *aware* x'kien qed jigri madwaru.

It-Tribunal jidhirlu li l-kawza prossima ta' l-incident huwa s-sewqan tal-konvenut li kien qed jaghmel manuvra ta' surpass min-naha tax-xellug waqt li l-vettura tieghu u dik ta' l-attur kienu qieghdin iduru madwar ir-*roundabout,* liema manuvra kienet certament skonsiljata u li inoltre ma kienx qed joqghod attent bizzejjed ghall-mod kif kien qed isuq li b'rizultat ta' kalkolu hazin da parti tieghu, bil-

*bumper* ta’ wara tieghu laqat il-parti ta’ quddiem tal-vettura ta’ l-attur.

Ghar-rigward il-*quantum* tad-danni m’hemmx kontestazzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u zewg liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm202.25c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------